

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-KPMO/il-Kummissjoni wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni meta evalwaw u ħadhu l-provi ppreżentati mir-rikorrenti dwar id-disponibbiltà mhux suffiċjenti tat-trientine.

(¹) Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU 2004 L 136, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2017 – Lincoln Global vs EUIPO (FLEXCUT)

(Kawża T-736/17)

(2018/C 013/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lincoln Global, Inc. (Santa Fe Springs, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: K. Piepenbrink, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "FLEXCUT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 111 198

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Awwissu 2017 fil-Każ R 2225/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2017 – Trasys International u Axianseu Digital Solutions vs EASA

(Kawża T-741/17)

(2018/C 013/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Trasys International GEIE (Brussell, il-Belġju) u Axianseu Digital Solutions SA (Lisbona, il-Portugal) (rappreżentanti: L. Masson et G. Tilman, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni meħuda fit-28 ta' Awwissu 2017 għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) mid-direttur tagħha, fil-kuntest tal-kuntratt intitolat "EASA.2017.HVP.08: IT Application & Infrastructure Management Services – ITAIMS" [...];
- għaldaqstant, tannulla d-deċiżjoni impliċita li d-diversi kuntratti qafas ma jingħatawx lir-rikorreni;
- tikkundanna lill-EASA għall-ispejjeż kollha tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jinvokaw motiv wieħed, ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fil-preżenza ta' prezz li jidher anormalment baxx.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2017 – Kim et vs Il-Kunsill

(Kawża T-742/17)

(2018/C 013/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Il-Su Kim (Pyongyang, il-Korea ta' Fuq), Song-Sam Kang (Hamburg, il-Ġermanja), Chun-Sik Choe (Pyongyang), Kyu-Nam Sin (Pyongyang) u Chun-San Pak (Pyongyang) (rappreżentanti: M. Lester, QC, S. Midwinter, QC, T. Brentnall u A. Stevenson, solicitors)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509, tat-30 ta' Awwissu 2017, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007, sa fejn dan japplika fil-konfront tagħhom;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut naqas milli jipprovd motivazzjoni xierqa u suffiċjenti għall-inklużjoni tar-rikorreni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut kien manifestament żbaljat meta qies li xi wieħed mill-kriterji għall-elenkar fil-miżuri kkontestati kien sodisfatt fil-każ tar-rikorreni; ma hemm l-ebda bażi fattwali għall-inklużjoni tegħhom.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut abbuża mill-poteri tiegħu meta pprova jirrendi mingħajr effett id-dritt tar-rikorreni għal rimedju effettiv fir-rigward tal-kontestazzjoni tagħhom għall-elenkar preċedenti ta' isimhom skont l-Artikolu 230 TFUE u/jew li l-konvenut kiser id-dritt tar-rikorreni għal ugwaljanza fit-trattament.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut kien kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorreni billi naqas milli jipprovdilhom il-provi li fuqhom huwa bbaża ruħu sabiex jerġa jelenka lir-rikorreni.